**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Tlettax (14)**

**15 ta' Mejju 2025**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**ASSENTI**

**Aaron Aġius – Viċi Sindku**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:/**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**14.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

**14.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsillier Christian Zammit li ma setax jattendi minħabba li jinsab indispost, imsiefer. Din l-apoloġija ġiet aċċettata bil-Kunsillier Żammit jiġi skużat mill-laqgħa.

**14.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 13 u Skeda ta' Pagamenti 4;**

Il-minuti tal-Laqgħa nru 13 kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti No 4 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Lkoll ġew approvati mill-membri kollha preżenti, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

**14.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

- Is-sindku feraħ lil grupp ta' żgħażagħ li organizzaw il-Maratona. Issuġġerixxa li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament għall-ħidma tagħhom.

- Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-Bye Law draft li ġiet ippreparata mill-Avukat tal-Kunsill Dr. Galea. Kien hemm qbil li għandha tiġi ssimplifikata b' żona waħda, bis-sand dunes u mir-restaurants il-quddiem. Il-Kunsillier Christian Zammit permezz ta' korrispondenza issuġġerixxa li r-Ramla tkun *'a no smoking beach'* liema suġġeriment ser jiġi diskuss aktar il-quddiem.

- Is-Sindku semma li x-xogħol fiċ-Ċentru Ċiviku miexi. Bħalissa qed isir xogħol relatat mal-bażi għat-tower crane u eventwalent għal lift. Dan ix-xogħol ser isir nhar is-Sibt u wara jitkomplew il-pedamenti. Ġie ippreżentat rapport dettaljat ippreparat mill-Perit Leonard Spiteri li hu l-Perit responsabbli mil-Proġett.

- Is-Sindku ta update tal-Festival tat-Tin, li kif maqbul ser isir fil-21 ta' Ġunju u ser jsiru wkoll l-attivitajiet tat-tfal. Il-qofol tal-attivita' ser jintlaħaq bil-grupp Police. Dwar caterers għal attivita, il-Kunsill talab kwotazzjoni lill-Caterers kollha Xagħrin. Irċivejna biss żewġ kwotazzjonijiet u allura kien hemm qbil sabiex l-ikel jipprovdih Charles

Azzopardi u l-ħelu jieħu ħsieb Eman. Dan għaliex l-offerta tagħhom kienet waħda ekonomika u l-aktar vantaġġjuża mill-kwotazzjoni oħra li l-Kunsill kien ingħata minn Malta. Is-Sindku ssuġġerixxa li jinvolvi l-għaqdiet tar-raħal biex jagħtu daqqa t'id fl-attivita'. Ġie diskuss dwar jekk jitwaqqafx bar u jieħdu ħsiebu l-għaqdiet tan-Nar, Armar, Football u Briju bil-qliegħ jmur bejniethom. Għal dan ser issir laqgħa ma' l-għaqdiet. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-għaqda tal-armar jarmaw il-pjazza, l-iscouts jorganizzaw lit-tfal, L-XHRO jieħdu ħsieb is-show, u l-Għaqda Folklor Xagħra jieħdu ħsieb il-performance u l-kumplament. Min-naħa l-oħra bħas-sena li għaddiet, l-istess organizzatur, s-Sur Quinton Scerri jieħu ħsieb il-loġisitka, l-management u r-reklamar. Sar suġġeriment mill-Kunsilliera is-Sinjura Leanne Micallef sabiex issir sensory area fiż-żona tat-tfal. Kien hemm qbil dwar dan.

- Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunċert tal-Milied jsir mill-Kor Voċi Angeliche, li hu Kor mix-Xagħra. Kien hemm qbil dwar dan.

- Is-Sindku tah update dwar laqgħa li saret mal-Perit u designer fil-Playingfield. Il-Perit ipprepara siteplan li għaddiet lid-designer sabiex jipprovdi lill-Kunsill Lokali d-disinn. Is-Sindku issuġġerixxa li l-materjal tal-playing field isir tal-injam peress li hu l-aktar ekonomiku. Ġie maqbul li dan id-disinn ser isir *sensory based.* F' Ġunju ser isir meeting mal-Ministru tal-Ambjent, Enerġija u Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir Dr. Miriam Dalli sabiex jinstabu fondi għal dan il-Playing Field minn Project Green. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tapplika għal dawn il-fondi taħt l-iskema ta' Fondi mid-DLG bl-isem SPI/SCI/06/2025. Is-Sindku issuġġerixxa li jekk ma jirnexxielniex nakkwistaw fondi, allura imbgħad dan il-proġett jsir gradwalment. Kien hemm qbil unanimu li jekk nikkwalifikaw għall-fondi, l-Kunsill għandu jiffinanzja l-bilanċ tal-flus li ma jkunux koperti taħt l-iskema, sabiex il-proġett jitwettaq. Dr. Francienne Muscat tkellmet dwar residenti li lmentaw li m' hemmx toilet fil-Playingfiend, bis-Sindku jirrispondi li jekk jirnexxi dan il-proġett, ser ikun qed jinkludi dan ukoll. Kien hemm qbil unanimu tal-membri preżenti sabiex napplikaw għal fondi biex dan il-proġett ikun jista jitwettaq.

- Dwar il-Belvedere tal-Għejjun, is-Sindku informa lill-Kunsill li għandu l-informazzjoni kollha dwar min huma s-sidien ta' dawn l-għelieqi li ser jiġu

affettwati mill-proġett jekk dan jitwettaq. Hu ser jiltaqa magħhom personalment fil-ġranet li ġejjin biex jikkomunika magħhom dwar dan il-proġett, u ser jagħti aktar informazzjoni lil Kunsill dwar dan fil-laqgħa li jmiss.

- Dwar is-Summer Children's Classes, is-Sindku bi qbil mall-Kunsilliera iddeċidew li dawn jerġgħu jsiru u għalhekk meħtieġ li tibda' l-preparazzjoni għalih. Il-Kunsilliera Marion Portelli ssuġġeriet li ma jkunx għal-istess age group. Ġie milqugħ ftehim li jkunu classes għal etajiet differenti li jsiru fuq jumejn, minn 6 sa 9 snin u 10 sa 12 -il sena. Is-Sindku issuġġerixxa li niktbu lil Permanent Secretary tal-Education is-Sur Matthew Vella, għal għajnuna Finanzjarja. Kien hemm qbil dwar dan.

- Dwar Triq Karkar, is-Sindku semma' ukoll li konna ppreparjana BOQ għal kisja bis-siment u l-MGP issa talbuna BOQ bit-tarmak. L-MGP ser jiffinanzja Triq Karkar, l-parti minn fejn Stephen il-Mechanic sa Triq Mannar. Is-Sindku informa ukoll li nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju l-ħaddiema tagħna ser jmorru jimlew it-toqob bis-siment. Innota ukoll li hemm problema ta' *alignment* u livelli tat-triq. Il-Kunsillier Kevin Cutajar għamel punt interrogatorju jekk it-tarmak hux ser tkun il-kisja finali, u jekk hux ser isiru bankini. Is-Sindku afferma li tkun il-kisja finali jekk issir bl-asfalt, filwaqt li l-linja gwida li ser nimxu biha hi li nimxu mal-fondi li nakkwistaw u nagħmlu l-aktar biċċa li hi mkissra.

- Is-Sindku irrimarka li x-xogħlijiet fi Triq Stellini mxew u li din il-ġimgħa ser jinbena l-ħajt jekk tħares min naħa tal-Muzew tas-subien. Ħabbar ukoll lill-Kunsilliera li s-servizzi f' din it-triq issa għaddew. Fuq punt interrogatorju tal-Kunsilliera Marion Rita Portelli staqsiet jekk l-għalqa li tinsab l-barra mill-linja tat-triq tistax ssir ex-proprijazzjoni tagħha, Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-MGP ħa ħsieb u diġà applika għal ex-proprijazzjoni ta' din l-għalqa.

- Is-Sindku informa lill-membri li fil-ġimgħat li ġejjin ser tingħata l-aħħar kisja ta' Triq Marsalforn.

- Fl-aħħarnett, is-Sindku reġa' semma dwar għajnuna fuq fondi Ewropej u qal li ġie ikkuntatjat Angelo Giochetti sabiex issir laqgħa miegħu u naraw x'qed joffri. Fil-laqgħa li jmiss jgħarraf lil Kunsill l-eżodu ta' din il-laqgħa.

**Mill-Kunsilliera Francienne Muscat**

- F'Jum ix-Xagħra is-Sindku ssemma' lista ta' proġetti li ser jiġu ffinanzjati mill-MGOZ li huma:-
  I. Żebra Crossing ta' ħdejn il-Knisja;
  II. Resurfacing ta' Triq il-Knisja, minn Salib it-Toroq saċ-Ċimiteru;
  III. Belvedere tal-Qaċċa flimkien mal-ħajt tal-faċċata – (Marion qalet li l-ħajt hu tal-Knisja għax biex jitwaħħal poster irid iġibu permess tal-Knisja). Is-Sindku iċċekkja u dejjem qalulu li dak il-ħajt hu pubbliku.
- Dwar it-telephone box upgrade is-Sindku wieġeb li qed nistennew risposta.
- Dwar wiċċ it-triq ta' Tiġrija u triq il-Knisja. Bis-Sindku wieġeb li l-ewwel ċans li jkun hemm dawn isiru.
- Ġiet issuġġerita' żebra crossing ftit l-isfel mill-iscouts Triq 8 ta' Settembru. Il-membri tal-Kunsill iddeċidew li ssir talba lil TM.
- Francienne ressqet suġġeriment li jittellgħu aktar promozzjoni ta' avvenimenti li qed jorganizza l-Kunsill fuq facebook. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet sabiex il-membri jgħinu billi jipprovdu draft ta' posts u jgħadduhomla.
- L-attivita' mal-iskola u l-Mitħna kienet suċċess, ħadu gost u l-għalliema apprezzaw li għamilna din l-attivita' differenti. L-aktar ħaġa li ntgħoġbot skond Dr. Francienne kienet it-tour mar-raħal, bil-visti ta' postijiet ta' natura storika fir-raħal u l-interess li nħoloq bejn it-tfal u anke' l-adulti. Dr. Francienne hawnhekk issuġġeriet ukoll li jsiru aktar mixjiet kulturali ukoll għal adulti.

**Mill-Kunsillier Kevin Cutajar**

- Staqsa dwar id-dawl taż-żebra crossing jekk tranġawx jew le. Is-segretarju wieġbet li għadhom m'humiex lesti imma tinsab f'kuntatt ma min hu konċernat, u weġibha li l-parts waslu l-ġimgħa l-oħra minn barra. Dan il-kas qed jiġi segwit.

- Dwar Triq 28 t'April, iltaqgħu l-Perit tal-Kunsill ma TM u ġie ssuġġeriet li l-Kunsill jiddiskuti t-talba u l-possibiltajiet mal-Perit tal-Kunsil.
- Resident li jidher li tkellem mal-Kunsilliera kollha sabiex il-plant tal-BCRS fil-Qortin tiġi trasferita għal post ieħor. Il-membri qablu li nibdew l-proċess basta nġibu l-permessi meħtieġa sabiex tkun tista timxi fil-post alternattiv kif indika l-istess resident. L-ispiża hi bejn 3 u 4K.
- Bżonn li ninkludu ċerta toroq rurali li għandhom bżonn jitranġaw. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ntbgħatet ittra lil MGOZ biex Triq Pergla tidħol f'rural roads.
- Huwa ssuġġerixxa li trejqet Ġużeppi Sultana hi meħtieġ li titranġa. Nibgħatu lil MGP.
- Staqsa dwar it-tabella ta' Triq Marsalforn li ma saritx fin-nofs, peress li kien hemm ilment. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li huma TM li jiddeċiedu.
- Fakkar fl-ilment ta' resident dwar ilma li qiegħed jispiċċa ġol-għelieqi tiegħu. Irridu naraw hemmx xi fondi rurali li nistgħu napplikaw għalihom.
- Dwar triq Mannar beda' jqatta' mingħajr avviż u tard bil-lejl, minn naħa l-oħra s-Segretarju Eżekuttiv spjegat li jekk ma jsirx dan ix-xogħol, kien hemm riskju kbir li r-residenti jispiċċaw bla dawl. Din mhix fil-kontroll tal-Kunsill, safrattant is-Sindku kien infurmat mir-residenti u dan kellem lil kuntrattur sabiex jqatta' f'ħin adekwat.
- Ta rendikont dwar is-sotto-kumitat ta' persuni b'diżabbilita'. Saru tlett laqgħat s'issa u ser jagħmel oħrajn imma talab is-sapport tal-Kunsill sabiex jagħmel laqgħa pubblika għan-nies tax-Xagħra biex min ikun jista' jiġi u jitkellem u jkun hemm aktar firxa wiesa' għal ideat. Mid-database tas-CRPD nkunu nistgħu nġibu lista ta' persuni Xagħrin sabiex nkunu nistgħu nistiednu aktar persuni b'diżabbilita'. L-ispiża nvoluta tkun biex tkopri l-ħlas tal-posta. Dan is-suġġeriment ġie approvat.

**Mill-Kunsilliera Leanne Micallef**

- Talba għal double yellow line fi Triq Gajdoru. Is-SE infurmatha li se jsiru;
- Aktar promozzjoni għan-night shelter filwaqt li ġie deċiż li jiġi Fr. Joe Said, ir-Rettur tal-Knisja ta' Nazzarenu sabiex jitkellem.

- Issuġġeriet Beach Ball tournament li jsir fir-Ramla. Kien hemm qbil- importanti li jkollna ftit informazzjoni fuqha u d-dati.
- ilmenti dwar il-ħaxix fit-tafla.
- Fi sqaq Triq Ġnien Xibla hemm gaffa.
- Pjanar fi Triq Mannar, dwar il-one-ways tistaqsi kif ser issir? Is-Sindku nfurmha li ser tiġi diskussa.
- Staqsiet update dwar il-mera fi Triq Gorf. Is-SE issuġġeriet jekk tistax issir bi bracket.
- Patching fi triq Gnien Xibla – Is-Sindku qal li patching ser idur ix-Xagħra kollha.

**Mill-Kunsilliera Marion Portelli**

- Żebra Crossing fit-triq 8 ta' Settembru sabiex terġa tiġi miżbugħa.
- Sleeping Police ta' fejn il-MUSEUM. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li din ser terġa ssir flimkien ma' oħrajn.

**14.5 Skemi**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill dwar Skemi li applikajna għalihom fosthom SPI/SCI/03/2025 u SPI/SCI/04/2025. Qed nippreparaw biex napplikaw għal skema SPI/SCI/05/2025, SPI/SCI/06/2025 kif ukoll SPI/SCI/07/2025. Ġejna nfurmati li ikkwalifikajna għal skema SPI/SCI/02/2025 u ngħatajna s-somma ta' €20,000 għall-Attivita' Kulturali – Fig Festival 2025.

Applikajna wkoll għal għajnuna finanzjarja mill-MGP biex tittella l-attivita' tat-tin u ngħatajna l-ammont ta' €5,000.

Ġie maqbul li l-Kunsill japplika sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni tal-fontana u l-madwar li qegħdin fil-ġnien ta' ħdejn il-Mitħna taħt l-iskema SPI/SCI/06/2025. Jekk nikkwalifikaw għall-fondi nkunu qed nagħtu l-ħajja lil dan il-ġnien sabiex ikun jista jitgawda aktar mir-residenti tagħna.

Kif ġie maqbul aktar kmieni f'din il-laqgħa, l-membri qablu sabiex napplikaw għal finanzjament taħt l-iskema SPI/SCI/07/2025 sabiex isir xogħol ta' tisbiħ fil-playingfield tax-Xagħra.

**14.6 Ħruġ u Għoti ta' Offerti**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li:

- Ħarġet it-tender ta' CCTV Cameras u kien hemm tlett offerti. Ser jibda l-proċess ta' evalwazzjoni mill-bord tal-evalwazzjoni. Il-budget tal-Kunsill kien dak ta' €26, 950ċ (vat eskluż). Dawn se jsiru b'fondi minn skema LESA.
- Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li wara li kienu ġew sottomessi t-talbiet għall-varjazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, irċivejna l-approvazzjoni għal istess varjazzjonijiet:
- Tender TXLC05-2022 – Tender for the Demolition & Construction, Finishin including M&E works of the New Xaghra Civic Centre.
- Tender TXLC10/2022 – Tender for Project Management Services in relation to the New Civic Centre.
- Għalhekk se jkunu qed isiru l-addendums neċessarji li wara jintbgħatu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll lid-Direttur Ġenerali fi ħdan l-MGP sabiex l-ammonti kkuntratwati mal-Kunsill jiġu aġġustati rispettivament.
- Is-Sindku aġġorna lil membri dwar it-Triq ta' Marsalforn fejn fi żmien xahar ser ssir l-aħħar kisja finali biex tkun kompluta kollha kemm hi. Fuq l-intervent ta' Dr. Kevin Cutajar dwar bankina matul Triq Marsalforn, is-Sindku nfurmah li ma hemm l-ebda nformazzjoni fuqha.

**14.7 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-residenti**

- Irċevejna l-Management Letter dwar l-kotba finanzjarji tas-sena 2023, liema kopja se tintbgħat lill-membri kollha.
- Resident bgħat għal aktar allokazzjoni ta' spazju għat-turisti, kif ukoll parking spaces għal muturi u scooters fir-Ramla l-Ħamra. Jiġi identifikat ukoll ċar, li quods (b'4 wheelers) jistgħu jipparkjaw ukoll. Dan ir-resident talab ukoll għal cameras għax ħafna qed jipparkjaw u jostakolaw il-parking. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
- Talba mingħand Carmel Vella, is-Segretarju tal-klabb tal-Boċċi tax-Xagħra. Qed jitlob li l-Kunsill jikkolabora bl-ammont ta' €1200 wara serq li sarilhom kif ukoll ħsara li saret lil kamra. Kien hemm qbil li nikkolaboraw billi nkopru l-ispiża tal-Camera.
- Mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bgħatulna lista ta kuntatti ġeneriċi li nistgħu nużaw fil-Komunikazzjoni tagħna mat-taqsimiet tad-Diviżjoni stess.
- Talba minn Janelle Cefai Cutajar sabiex taħdem mal-kunsill bħala Edukatur (jekk qed noffru korsijiet tas-sajf). Interessata li toffri korsijiet dwar l-illetteriżmu u Numri, għal tfal tal-Kindergarden (3-4 snin)

- Wara talba tal-Kunsill tagħna dwar is-sitwazzjoni tal-għarar ta' ilma fi Triq Ġnien Imrik, irċevejna risposta minn Infrastructure Malta fejn ġejna nfurmati li każijiet tal-ilmenti fuq toroq, nirreferuhom lil MGP.
- Ittra mingħand il-Gozo Action Group Foundation fejn wara li esponew ix-xogħol li wettqu għal futur ta' Għawdex isbaħ, informa lil Kunsill illi ser issir tnedija tal-programm Empowering Communities to Act as Environmental Stewards taħt il-Pjan Strateġiku (LEADER) 2023-2027 fondi mill-EU. Din l-ittra ntbgħatet lil kull membru.
- Id-Dipartiment tal-Gvern lokali qed tniedi l-inizjattiva "Minn Pjazza għal pjazza". Dan sabiex il-kunsilli jorganizzaw attivitajiet ta' kwalità fil-pjazez u spazji miftuħa. Wara konsultazzjoni mas-Sindku ġie deċiż li din l-iniżjattiva tista' tiġi kkunsidrata fi żmien li ġej u hekk għandna ċans naħsbu aktar fuqha.
- Ittra minn Richard Stedall dwar attivita' li qed jorganizza f' egħluq il-100 sena mill-ewwel buses 'bil-mutur' f' Għawdex. Attivita li wara li urejna l-interess tagħna, ikkonferma li ser jitilgħu fit-15ta' Mejju wara nofs in-nhar u jekk hemmx xi ħadd interessat li jieħu sehem fl-inizjattiva.
- Talba mingħand resident biex il-Kunsill jikkonferma li l-isqaq fi triq it-Tigrija jaqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill lokali Xagħra. Il-Kunsill ma hux f'pozizzjoni li jikkonferma dan.
- Wara talba mill-Kunsill dwar roundabout quddiem it-tempji tal-Ggantija, irċevejna risposta minn Transport Malta li jridu pjan maniġerjali tat-traffiku għal approvazzjoni tagħhom. Din qed issir minħabba diversi ilmenti u inċidenti li saru f'dawk l-inħawi.
- Ix-XHRO (Xagħra Historical Re-enectment Organization) qed jitolbu li l-Kunsill jikkolabora sabiex jattendu għall-Giostra Cavalleresca d' Europa, f' Sulmona l-Italja. Il-Kunsill se jkun qed jikkolabora billi jkopri l-ħlas ta' €600 għat-transport minn Għawdex għal Ajruport u lura.
- Dr Marika Borg Segretarja tal-kumitat għall-ismijiet tat-toroq f' Għawdex infumatna li hemm tabella 'indikata' (miktuba) ħażin fil-post. Isem li ġie kkoregut għal Triq il-Parsott mhux Parisot fil-Gazzetta tal-Gvern. Irċevejna ukoll korrispondenza oħra dwar isem ta' sqaq fi Triq Gajdoru, din irridu nagħtuha isem u fl-istess ħin nagħmlu tabella temporanja li din triq Ġdida għax hemm xi residenti qed jilmentaw. Bħala isem ta' dan l-isqaq, is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera qablu fuq l-isem "Sqaq is-Sorijiet Franġiskani".
-

Talbiet u Lmenti tar-residenti:

No 27 - Talba minn resident għal sinjali fil-faċċata tal-garage tiegħu. Ir-resident irid iġib l-approvazzjoni tar-resident li joqgħod faċċata.

No 28 – Resident ieħor qed jagħmel talba peress li Triq Gajdoru hemm żewġ postijiet bl-istess numru fl-istess triq, qed jissuġġerixxi li l-faċċata ta' Qasam Dun Anton ma tibqax Gajdoru imma issir bħal kumplament tal-blokka, "*Qasam Dun Anton*". Il-Kunsill iddeċieda li din it-talba tiġi kkunsidrata u għalhekk ser jagħmel talba lil Kumitat tal-ismijiet tat-toroq sabiex Gajdoru tibqa' biss it-Triq t'isfel, filwaqt li t-Triq ta' fuq tinbidel għal Triq Qasam ta' Dun Anton.

No 29 – Talba biex titwaħħal sticker biex ma jarmux żibel fuq il-Bankina quddiem JVJ. Talba ġiet Approvata

No 30 – Jixtiequ mera fi Triq Bullara għax malli toħroġ mill-garage hu perikoluż. Il-Kunsill iddeċieda li jridu l-approvazzjoni bil-miktub tal-ġirien tal-faċċata.

No 31 – Jitlob għal tindif mill-bidu tat-tafla u titranġa bis-siment it-triq (ftit l-isfel minn tal-Merin). Il-Kunsill innota din it-talba.

No 32 – Talba għal bozza ġdida mar-residenza Triq Mannar mis-sid stess. Il-Kunsill iddeċieda li jekk taċċetta li teħel mar-residenza tagħha m'hemmx problema li titwaħħal.

**14.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-19:50 u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2025 fil-17:15.

Konfermati illum 20 ta' Ġunju 2025

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Victor John Curmi** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |